# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 71/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Brandon Callus**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Brandon Callus**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 437990(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fis-7 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 11:15hrs u fi ġranet u l-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed ġewwa Ħal-Qormi u fil-gżejjer Maltin, ħa jew ipprova jieħu xi għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(ċ), L.S. 549.42;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra, dan bi ksur ta' L.S. 549.42 Reg. 12(1);

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita' ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(d), L.S. 549.42;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaċċja kellu fil-pussess tiegħu *bird caller* u dan bi ksur tar-Reg. 7(2), L.S. 549.42;

5. fl-istess data, ħin u ċirkostanzi waqt staġun magħluq għall-insib tal-għasafar, kien qed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra, dan bi ksur tal-L.S. 549.74, Reg. 12 (1).

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 18(1)(ċ), 12(1), 7(1)(d) u 7(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 kif ukoll Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel (1) imputazzjoni, sabitu ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000). *In oltre* fit-termini ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, il-Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għal perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-17 ta' Frar 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

*"tikkonferma s-sentenza fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuża ċioè dik li ħa jew ipprova jieħu xi għasfur matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar";*

*"tirrevoka, u tannulla s-sentenza, fejn sabet lill-appellant ħati ta' kaċċa mingħajr liċenzja, pussess u użu tal-bird caller ossija t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames akkużi u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess";*

*"B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti tagħti piena aktar idonea għall-każ in kwistjoni billi tirriduċi l-multa u/jew tirriduċi s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ lill-appellant taħt il-Liġi Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn ġie lliberat mill-ewwel (1) imputazzjoni u tirrevoka u tannulla l-istess sentenza fejn instab ħati ta' kaċċa mingħajr liċenzja, pussess u użu tal-*bird caller* ossia t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni u sabiex konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess. Huwa talab ukoll sabiex b'mod alternattiv jingħata piena aktar idonea billi jiġu mnaqqsa l-multa u/jew is-sospensjoni mposti

Illi l-appellant iressaq is-segwenti aggravji:

- Hemm difett fiċ-ċitazzjoni u s-sentenza appellata minħabba li t-tieni (2) u l-ħames (5) imputazzjoni huma identiċi u l-Ewwel Qorti sabet ħtija fuq it-tnejn.

- Hemm apprezzament żbaljat tal-provi u tal-liġi minħabba li bl-evidenza li ressaq irnexxielu jipprova fuq bażi ta' probabilita' li fis-7 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tal-11.15am huwa ma kienx qed jikkaċċja u li l-arma tan-nar spiċċat f'idu minħabba li nħolqot emerġenza.

- Il-piena hija eċċessiva u li l-iskwalifika tal-liċenzja mhijiex waħda tassattiva u jitlob temperament tal-piena. Jisħaq li l-multa kienet eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi u għandha tkun il-minimu jew tqarreb lejn il-minimu. Fil-każ fejn l-aggravji l-oħra ma jiġux milqugħa l-appellant jitlob klemenza.

Illi l-Qorti sejra tibda billi tistabilixxi fil-qosor il-fatti rilevanti. Mill-*PIRS Report* (Dok. "EM 1" – *a fol. 5 et seq.*), mill-affidavit ta' PC 217 I. Mizzi (Dok. "EM 3" – *fol. 9 et seq.*) u mill-affidavit ta' PC 47

B. Briffa (Dok. "EM 6" – *a fol.* 13 *et seq.*) jirriżulta li fis-7 ta' Novembru 2020 għal ħabta tal-11.00am il-Pulizija irċeviet informazzjoni li fil-Wied il-Kbir li jinsab fil-limiti ta' Ħal-Qormi kien hemm *bird caller* attiv. Jirriżulta li r-rapport li rċevew il-Pulizija kien jinkludi informazzjoni dwar persuna li kien jinsab għall-kaċċa fil-preżenza ta' tifel.

Illi meta waslet fuq il-post il-Pulizija bdiet issegwi l-ħoss magħmul mill-*bird caller*. B'dan illi meta waslu fl-għalqa in kwistjoni huma raw kaċċatur li ħarab jiġri u ħalla warajh tifel u mara. Ftit wara deher fuq il-post ċertu John Ellul li rriżulta huwa r-raġel ta' omm l-appellant. Ellul jidher li stqarr li l-persuna li ħarab kien it-tifel tal-mara tiegħu li jiġi l-appellant. Fl-affidavit ta' PC 217 I. Mizzi (Dok. "EM 3" – *a fol.* 9 *et seq.*) jingħad li l-appellant informa lill-Pulizija li huwa ma kellux liċenzja tal-kaċċa u meta rahom huwa ħarab għax beża minnhom. Dan ġie kkonfermat ukoll fl-affidavit ta' PC 47 B. Briffa (Dok. "EM 6" – *a fol.* 13 *et seq.*).

Illi fid-depożizzjoni mogħtija minnu (*a fol.* 43 *et seq.*), l-appellant jiċħad li kien għall-kaċċa u jisħaq li flimkien mas-sieħba tiegħu u ibnu kienu marru jaraw lil ommu. Jgħid li kellmu ftit lil ommu u baqa' niżel fl-għalqa fejn kien hemm John Ellul. Jgħid li f'dak il-waqt John Ellul nfurmahom li kellu bżonn l-*inhaler* u kellu bżonn jitla' għax ma kellux l-*inhaler* miegħu u għalhekk talbu (lill-appellant) sabiex jiġbor kollox u kien wara li Ellul telaq li feġġew il-Pulizija. Jgħid li hu ħarab minħabba li beża'.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu

prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jgħid li hemm difett fiċ-ċitazzjoni u s-sentenza minħabba li t-tieni (2) u l-ħames (5) imputazzjoni huma identiċi u l-Ewwel Qorti sabet ħtija fuq it-tnejn. Fir-rigward ta' nuqqasijiet fil-formalitajiet ta' sentenza li tista' twassal għan-nullita' tagħha, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Calleja et** (Numru 290/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta, wara li għamlet riferenza għal dak li jiddisponi Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qalet hekk:

> "8. [...] toħroġ interpretazzjoni ċara tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li sentenza kriminali ma tistax tippermetti impreċiżjonijiet magħmula mill-ġudikant fl-għoti tagħha fejn din l-impreċiżjoni tista' toħloq inċertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija u huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ, taħt il-piena tan-nullita' tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li s-sentenza jkunu miktuba fiha:
>
> (i) il-fatti li tagħhom l-akkużat ikun ġie misjub ħati;
> (ii) il-piena inflitta fuq il-ħati u
> (iii) riferenza għall-artikoli tal-Liġi li joħloq ir-reat.
>
> 9. Dawn ir-rekwiżiti ma humiex meqjusa bħala sempliċi formalita' tant li jekk xi wieħed minnhom ma jkunx ġie miktub fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jitqies li jkun

difett ta' sustanza tali li jwassal għan-nullita' tas-sentenza."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi l-imprecizjoni li qed tiġi ilmentata mill-appellant tirrigwarda l-fatt li nstab ħati darbtejn ta' l-istess imputazzjoni.

Illi filwaqt li l-Qorti tinnota li huwa minnu li t-tieni (2) u l-ħames (5) imputazzjoni huma l-istess, fl-istess waqt il-Qorti tinnota wkoll li s-sentenza appellata tissodisfa t-tliet rekwiżiti msemmija fis-sentenza kkwotata hawn fuq. Għal kompletezza, il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet hekk: *"Il-Qorti qieset ukoll li t-tieni u l-ħames imputazzjoni huma l-istess reat ai termini tal-Artikolu 12(1) tal-Liġi Sussidjarja 549.42 u għaldaqstant ser tikkunsidra biss it-tieni imputazzjoni ai fini ta' piena."* B'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li għalkemm l-affidavits tal-Pulizija kienu korretti fir-rigward tal-ġurnata, l-istħarriġ li għamlu kien superfiċjali. Jistqarr li tant kienet superfiċjali l-investigazzjoni li l-Pulizija naqsu milli jidentifikaw li kien hemm ommu fuq is-sit in kwistjoni. Jilmenta li l-ħin li nqabad mill-Pulizija lanqas huwa l-aħjar ħin li fih issir il-kaċċa u jispjega li wasal sa ħdejn ommu bejn l-10.30am u l-11.00am u li r-raġel ta' ommu tah attakk tal-asthma u talbu sabiex jerfa' kollox, waqt li telaq b'ċertu għaġġla sabiex iġib l-*inhaler*. L-appellant jgħid li kien proprju f'dak il-mument li fih dehru l-Pulizija u li meta marru l-Pulizija sabiex jipproteġi lil John Ellul huwa ħarab bis-senter u mar jiġri bih fil-kamra.

Illi l-appellant isostni li l-fatt li ma ressaqx din il-verżjoni ma' l-uffiċjali tal-Pulizija ma jfissirx li ma għandhiex mis-sewwa. Jgħid li tenut kont tal-provi mressqa huwa rnexxilu jipprova fuq il-bażi ta' probabilita' u b'hekk ixejjen il-preżunzjoni li tinħoloq permezz ta' Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minkejja li għal xi żmien, minħabba l-emerġenza li

nqalgħet, huwa kien fil-pussess ta' arma tan-nar. Jgħid li mill-affidavits tal-Pulizija lanqas joħroġ jekk l-arma tan-nar kinitx ikkargata u konsegwentement kinitx fil-possibilita' li ssir il-kaċċa biha.

Illi Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta tgħid hekk:

> "Sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, kull persuna li bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx, jew matul xi staġun magħluq, tinsab barra fil-miftuħ fil-kampanja, sew jekk fuq l-art tiegħu sew jekk fuq l-art ta' xi persuna oħra, jew ukoll barra minn dik l-art, jew tinsab fuq il-baħar iġġorr arma tan-nar jew munizzjoni għat-teħid tal-kaċċa, hija għandha titqies li tkun qiegħda tfittex jew iddur għall-għasafar."

Illi mill-fatti jirriżulta li l-appellant inqabad bejn il-11.00am u l-11.15am fil-pussess ta' arma tan-nar, liema ħinijiet jaqgħu fil-parametri tal-ħin stabbilit fir-Regolament ikkwotat u ċioe' *"bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx"*. Dan ir-Regolament jistabbilixxi li jitqies li jkun qed idur għal għasafar persuna li jkollu f'dawk il-ħinijiet il-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon. Apparti minn dan, fir-Rikors tiegħu, l-appellant jammetti li huwa kien fil-pussess ta' arma tan-nar.

Illi r-Regolament in kwistjoni jistabbilixxi dik li tissejjaħ teknikament *strict liability* u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Agius** (Numru 217/2022), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "27. Il-ksur ta' dawn ir-regolamenti li huma marbuta mal-kaċċa u l-insib, huwa kunsidrat li jaqa' taħt dik il-kategorija ta' reati li huma meqjusa '*strict liability offences*'.
>
> [...]

> 28. **<u>Fil-każ ta' 'strict liability offences' mhux meħtieġ li jiġi pruvat l-element formali tar-reat sabiex jiġi integrat ir-reat</u>**. Din il-Qorti ma tistax allura tqis l-argument tal-appellant li huwa ma kellux l-intenzjoni li jwettaq ir-reat bħala difiża tajba f'dawn it-tip ta' każijiet. Il-fatt innifsu li persuna ma tkunx imxiet mal-kondizzjonijiet tal-liċenzja bi ksur ta' dawn ir-regolamenti huwa biżżejjed biex tissawwar ħtija. Il-Professur Sir Anthony Mamo[1] jgħallem li 'strict liability offences' huma eċċezzjoni għar-regola '*actus non facit reum nisi mens sit rea*'."

Illi kienet ir-responsabilita' tal-appellant li jġib prova kuntrarja. F'dan ir-rigward l-appellant jisħaq li huwa rnexxielu jġib tali prova u l-argument primarju li jressaq jirrigwarda l-attakk tal-asthma ta' John Ellul. Kif qalet l-istess l-Ewwel Qorti ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn John Ellul kien sorpriż bil-preżenza tal-għarusa tal-appellant u dana stante li kif jixhdu kemm l-istess għarusa kif ukoll omm l-appellant din kienet tmur hemm ta' spiss. Għalhekk il-kredibilita' tax-xiehda ta' John Ellul tiġi mminata minn dan il-punt.

Illi minbarra dan anke meta wieħed iqabbel l-ispjegazzjoni mogħtija fir-Rikors tal-appell max-xiehda li ġiet mogħtija mill-istess appellant quddiem l-Ewwel Qorti, wieħed isib inkongruenzi. Il-Qorti tgħid dan minħabba li fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jgħid hekk: *"Ellul anzjan ta' ħamsa u sittin sena telaq minn fuq il-post temporanjament biex imur jiġri jġib l-inhaler u jieħu l-puffs u f'dak il-ftit minuti tfaċċaw il-Pulizija u l-appellant li kien jaf li John Ellul kien fil-ħażin għax kien qed jikkaċċja bil-birdcaller li huwa projbit u li kien mhux biss abbanduna l-arma tan-nar imma din l-arma kienet ukoll abbandunata b'periklu li l-minuri jaljenahhom u joħodha f'idejh hu."* (*a fol.* 67). Il-Qorti ma sabet l-ebda riskontru ma' din il-verżjoni wara li qrat id-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti. In fatti, l-appellant xehed hekk:

[1] LL.B. I – First Year Criminal Law (Mamo Notes) Revamped by GħSL – Notes and Past Papers – Issuu aċċess: 8 ta' Novembru 2022.

> "Issakkart, għalaqt il-bieb ġol-kamra, għax dak il-ħin inħsadt u ġew il-pulizija" (*a fol.* 45).

Iktar 'il quddiem l-appellant jikkonferma li dak inhar huwa ma semmiex il-kwistjoni tal-asthma:

> "Prosekuzzjoni: Ma ħassejtx li għandek tgħidilhom din il-verżjoni dakinhar? Mhux illum sentejn wara, għax inti dakinhar għedtilhom li inti ma kellekx liċenzja, u x'ħin rajt il-pulizija bżajt, u b'hekk, ħrabt.
>
> Xhud: Mhux hekk?
>
> Prosekuzzjoni: Imma...
>
> Xhud: Jien ma kontx..." (*a fol.* 46).

Waqt li fl-aħħar tad-depożizzjoni tiegħu, l-appellant qal hekk:

> "Ma kontx għall-kaċċa jiena. Jiena rajt il-pulizija, kelli senter f'idi. Għall-Pulizija, jien qiegħed għal kaċċa. Bis-senter f'idi, bil-*bird caller* mixgħul" (*a fol.* 47).

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l-aħħar ħaġa li qal l-appellant fid-depożizzjoni tiegħu kien hekk: *"għax jien lanqas noħroġ għall-kaċċa"* (*a fol.* 47). Fl-istess waqt il-Qorti tinnota li meta xehdet Tracy Ellul Cilia (omm l-appellant) hija qalet li l-appellant u t-tfajla tiegħu kienu jmorru ta' spiss l-għalqa u għad-domanda ta' l-Ewwel Qorti jekk kien hemmx okkażjonijiet frekwenti fejn ir-raġel kienx ikun qed jikkaċċja meta kien jmorru, wieġbet hekk: *"Ifhimni fi żmien il-kaċċa, heqq <u>jkunu</u> għall-kaċċa hux"* (*a fol.* 50). Il-fatt li x-xhud wieġbet fil-plural u uzat il-kelma *"jkunu"* jindika li minbarra John Ellul kien ikun hemm xi ħadd ieħor jikkaċċja!

Illi fir-rigward tal-argument tal-appellant li huwa ma setgħax ikun għall-kaċċa minħabba li kien qed jiġbor lil ibnu mill-Mosta tant li jserraħ fuq il-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. "BC" – *fol.* 17 *et seq.*)

fejn hemm indikat l-aċċess li l-appellant għandu għat-tifel, il-Qorti tirrimarka li anke jekk jidher plawżibbli li l-appellant kien ġabar lit-tifel tiegħu xi ħin qabel xejn ma jneħħi mill-fatt li kien jinsab għall-kaċċa fil-mument li nqabad mill-Pulizija.

Illi dak li ried jipprova l-appellant huwa li fil-mument li huwa nqabad mill-Pulizija huwa ma kienx għall-kaċċa. L-istorja tal-attakk tal-asthma ta' John Ellul xejn ma tikkonvinċi lil din il-Qorti, speċjalment minħabba li ħadd ma semma dan lill-pulizija dak il-jum.

Illi l-appellant ma ressaq l-ebda prova konvinċenti li turi li ma kienx qiegħed għall-kaċċa b'dan illi l-Qorti tqis li ma għandhiex tirrimpjazza d-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti minħabba li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. B'hekk it-tieni aggravju ser jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jitlob temperament tal-piena u jitlob li din għandha tkun fil-minimu jew tqarreb lejn il-minimu.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva

meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi wara li rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioè dik ta' elfejn Euro (€2,000) multa u sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn, il-Qorti hija tal-fehma li din il-piena taqa' fil-parametri ta' dak li tiddisponi l-liġi in kwistjoni. Il-Qorti żżid tgħid li għamlet sew l-Ewwel Qorti li ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess kif hawn fuq imsemmi u dana minħabba li din is-sospensjoni hija tassattiva fiċ-ċirkostanzi. Konsegwentement, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Brandon Callus u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |